**29 ta' April, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Dottor Francesco Masini noe.

*versus*

Wilfred Podestà noe. et.

**Esekutur Testamentarju — Poteri ta' — Requisition Order**

*In-natura u l-estensjoni tal-inkariku tal-eżekutur testamentarju għandhom jiġu desunti mit-termini tat-testment, u mhux minn dak li tagħmel terza persuna.*

*F'dan il-każ ġie ritenut li l-eżekutur testamentarju ma setgħax jimpunja ir-requisition magħmula mill-konvenut, għax il-possess ta' dak il-fond mal-mewt tad-deċujus għadda għand l-eredi; u r-requisition order kien jimporta d-dispossessament ta' sid il-fond.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi b'requisition order numru 16878, tas-16 ta' Lulju, 1957, il-konvenut Podestà nomine rrekwisizzjona mill-poter tal-konvenuta Michelina Scerri, id-dar, 137, Racecourse Street, Victoria Gozo, li hija ta' proprjetà ta' l-attur nomine; illi dina r-rekwiżizzjoni saret 'for providing living accommodation to persons and for ensuring a fair distribution of living accommodation' illi dina d-

dar ġiet allokata mill-konvenut Podestà nomine, lill-konvenuta Scerri biex dina tużaha bħala 'casa industriale' u mhux għall-abitazzjoni

Talab li jiġi mill-Qorti ddikjarat u deċiż, (1) illi r-Requisition Order numru 16878 tas-sittax ta' Lulju, 1957, maħruġa mill-konvenut Podestà nomine, relativa għall-fond, 137, Race Course Street, Victoria Gozo, hija nulla u bla effett, billi l-fond ma ġiex użat għall-iskop li għalieh ġie rekwiżizzjonat, (2) konsegwentement jiġi dikjarat u deċiż illi l-konvenut Podestà nomine ma kellux dritt jallokaha lil Michelina Scerri, u li dik l-allokazzjoni hija nulla u bla effett; u (3) li konsegwentement Michelina Scerri qegħda tokkupa l-fond mingħajr titolu u (4) l-istess Michelina Scerri tiġi kkundannata tiżgombra mill-istess fond fi żmien qasir u perentorju li jiġi fissat minn dina l-Qorti u (5) il-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kkundannati jħallsu lill-attur in linea ta' danni għall-okkupazzjoni tal-imsemmi fond mis-16 ta' Lulju, 1958, sal-ġurnata li jiġu restitwiti ċ-ċwievet, dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qortti, anke jekk hemm bżonn b'opera ta' periti nominandi. B'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-attur. Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Frar, 1959.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Wilfred Podestà bħala Housing Secretary li biha qal li d-domanda attriċi hija infondata fid-dritt għaliex ir-rekwiżizzjoni ħarġet mill-Awtorità kompetenti u bil-forma li trid il-liġi. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Scerri li biha qalet li hi toqgħod fid-dar imsemmija fiċ-ċitazzjoni u magħha toqgħod ukoll Giuseppa Micallef, u huma ma għandhom ebda dar oħra ta' l-abitazzjoni, u r-ration books huma

fl-istess dar; qalet ukoll li minn oltre ħamsin sena l-eċċipienti ilha toqgħod fl-istess dar bħala abitazzjoni u f'parti — ċioe fi tlett ikmamar — minn dejjem tgħallem in-newl u l-bizzilla u xogħolijiet affini. Għalhekk id-domanda hija nfondata, flimkien mad-domandi kollha li hemm fiċ-ċitazzjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' April, 1962 li biha ċaħdet id-domandi ta' l-attur nomine. L-ispejjeż, in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa pero d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-attur nomine. Dik il-Qorti kkunsidrat:—

Illi, kif jidher miċ-ċirkostanzi, l-azzjoni preżenti hija bażata fuq il-fatt li r-Requisition Order in kwistjoni hija difettuża fil-forma u d-difett hu magħmul jikkonsisti fil-fatt li din ma taqbelx ma' l-iskop li għalih kienet intiża, u ġiet maħruġa u ċioe' li għalkemm kienet fil-fatt intiża u nħarġet biex fl-istess dar tibqa' tinżamm l-iskola tan-newl u nsiġ ieħor u affini (li hu "Public interest") l-ordni relativ juri li nħareġ "for providing living accommodation to persons and for ensuring a fair distribution of living accommodation"; u ta' min hawn jinnota li fiċ-ċitazzjoni l-attur jiċċita dawn il-kliem mir-Requisition Order però ma jsemmi xejn il-kliem "in the public interest" li jirrikorru wkoll fl-istess Order.

Illi huwa veru li l-konvenuta Scerri tgħid, fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha u fid-dikjarazzjoni tal-fatti, li hija minn dejjem kienet toqgħod fid-dar kif għadha tagħmel sal-lum u għandha lil waħda oħra toqgħod magħha; huwa veru wkoll li dina d-dikjarazzjoni tinsab b'xi mod korroborata mix-xhieda tal-konvenut Podestà, b'mod li wieħed ma tantx jista' jifhem sew id-dikjarazzjoni magħmula fil-verbal tal-10 ta' Novembru, 1960, fis-sens li d-defensuri jaqblu li l-fond in kwistjoni m'hux qed jiġi użat għall-abitazzjoni. Ta'

min però hawn jinnota li sa allura il-konvenuta Scerri kienet għadha ma ġietx notifikata biċ-ċitazzjoni (li ġara fis-16 ta' Novembru, 1960) u għalhekk dik id-dikjarazzjoni ma saretx a nom tagħha wkoll u ma tistax tippreġudika. B'dana kollu però, ammess ċioè dana kollu favur l-istess konvenuta Scerri fis-sens li dejjem okkupat u għadha tokkupa l-fond ukoll bħala *abitazzjoni*, il-vera kwistjoni tibqa' fuq l-iskop li għalih jidher li ħareġ ir-Requisition Order u l-użu li għalih il-fond ġie mogħti lilha, kif dikjarat mill-istess Dipartiment u minnha stess aċċettat u anke mgħarraf lill-attur nomine. Dana l-użu għal skop industrijali, kif jgħid l-attur nomine fiċ-ċitazzjoni, u jirriżulta mid-dokumenti (li *tagħhom* il-konvenut Podestà nomine ppresenta l-oriġinali b'nota tal-31 ta' Marzu, 1962);

Illi hu utili jiġi hawn notat li d-data fuq dawn id-dokumenti trid tkun it-tlettax ta' **Frar** u mhux ta' **Marzu** tas-sena 1959, kif jidher fuqhom (billi hemm 13/3/59 flok 13/2/59) u anke fin-nota *li biha ġew eżibiti*. Dana jirriżulta ċar millfatt li l-ittra mibgħuta lill-attur li tagħmel riferenza għalihom bħala ġa ġraw, hija datata "13th February 1959", u anki mill-fatt li l-ittra uffiċċjali li l-attur bagħat lill-konvenut Podestà nomine, evidentement **wara li rċeva din l-ittra tat-13 ta' Frar, 1959** hija datata wieħed u għoxrin (21) ta' Frar, 1959; dina l-aħħar data mbagħad, ċioè tal-21 ta' Frar, 1959, *hija konfermata* mill-oħra li tidher fid-dokument. (i.e. ittra tal-konvenut Podestà *nomine tat-13 ta'* Marzu, 1959 responsiva għaliha);

Ikkunsidrat:

Illi, kif ġa msemmi, l-attur nomine qiegħed jitlob li r-Requisition Order ġie maħruġ nullament peress li ħareġ f'forma (i.e. għall-abitazzjoni) li ma taqbelx mal-użu li kien sejjer isir mill-fond rekwiżizzjonat skond il-fehma ta' min kie-

net l-ordni u alloka l-fond fil-fatt (i.e. għal skop industrijali).Ta' min jinnota però li l-ordni ħareġ fis-16 ta' Lulju, 1957 mentri li ċ-ċwievet ġew fil-fatt konsenjati lid-Dipartiment fit-13 ta' Frar, 1959 (ara final ta' l-ewwel paragrafu tal-kopja ta' l-ittra ta' dina d-data); kien f'dina l-aħħar data, ċioè kważi sentejn wara l-ħruġ ta' l-ordni, li fil-fatt il-fond ġie allokat, u ġie hekk allokat temporaneament sakemm il-Gvern jiddeċiedi fuq l-użu kontinwat tal-fond bħala skola industrijali;

Illi hu ovvju li dak li ġara fil-każ presenti, u ċioè li jgħaddi żmien bejn il-ħruġ ta' l-ordni u l-allokazzjoni tal-fond rekwiżizzjonat, hija r-regola u mhux l-eċċezzjoni, b'mod li l-iskop eżistenti fil-mument tal-ħruġ ta' l-ordni jista' ma' jkunx għadu jeżisti fil-mument meta l-post jiġi f'idejn id-Dipartiment; hu anke loġiku wieħed jistenna li biex id-Dipartiment ikollu l-possibilita jaqdi l-każi li jippreżentaw ruħhom lilu minn żmien għal żmien, huwa jrid ikollu fondi disponibbli li jista' jalloka, b'mod li mhux neċessarjament ikun hemm skop preċiż u partikolari għal-kull ordni li jinħareġ, għalkemm hu raġonevoli wieħed jimmaġina li interessat u għandu d-dritt, kif ukoll l-obbligu, li jara li t-tqassim tad-djar ikun tajjeb. Il-konsegwenza ta' dan hi li meta tinħareġ ordni ta' rekwiżizzjoni mhux neċessarjament ikun hemm diġa fissat l-użu li sejjer isir minnu, liema użu jkun għalhekk iddetermina f'kull każ il-ħruġ ta' l-istess ordni u kwindi jkun ir-raġuni għaliex ħareġ dak l-ordni partikolari; il-vera raġuni tal-ħruġ ta' l-ordni wieħed irid jaraha u fil-fatt hija s-sitwazzjoni li ġiegħelet lil-leġislatur jemana l-liġi stess, biex jovvja b'xi mod għan-nuqqas ta' bini u hekk jintlaħaq distribuzzjoni ekwa ta' l-istess, salv li wara meta jiġi fil-fatt konsenjat il-fond lid-Dipartiment issir l-allokazzjoni tal-fond rekwisizzjonat skond dana l-interess pubbliku u dina l-ekwita.

Illi minn dawna l-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tridx tasal għall-konklużżjoni li l-uffiċċjal inkarigat mir-rekwiżizzjonijiet jista' joħroġ ordni f'forma u mbagħad juża l-fond rekwiżizzjonat għal skop li mhux ġustifikat fl-istess ordni salva naturalment il-fakoltà li wara li jkun daħal fil-possess legali tiegħu u użah għall-iskop preċiżat fl-ordni hu jbiddel dana l-użu fis-sens ta' l-Art. 4 (6) ta' l-Att No. 11 tal-1949. Dawna l-konsiderazzjonijiet ġew premessi biex wieħed jasal għall-konklużżjoni li ċ-ċirkostanzi neċessarjament jissuġġerixxu li biex jintlaħaq l-iskop tal-liġi għandha tinżamm ċerta latitudini fil-mod ta' kif issir l-allokazzjoni ta' fond rekwiżizzjonat li, però, trid tkun ġustifikata mill-forma ta' l-ordni stess tar-rekwiżizzjoni relativa. Hu ovvju li l-unika soluzzjoni f'dana s-sens ma tistax tkun ħlief li r-raġuni għall-ħruġ ta' l-ordni (jekk din tissemma) trid tkun tikkomprendi kull xorta ta' allokazzjoni eventwali, u billi din trid tkun skond *il-liġi, is-soluzzjoni hi li jissemmew ir-raġunijiet* kollha li skond il-liġi jiġġustifikaw il-ħruġ ta' l-ordni u ċioè (a) l-interess pubbliku (b) sabiex in-nies ikollhom fejn joqgħodu, u (c) sabiex ikun hemm tqassim tajjeb tad-djar. Hemm ukoll raġuni, oħra, suġġerita minn motivi ta' prattiċità li il-forma tkun tali li tista' tapplika għall-każi kollha, u ċioè biex ma' jkunx hemm bżonn li jiġu wżati formoli differenti skond l-użu li għalih il-fond ikun sejjer jiġi allokat jew użat, jew li tinħareġ formula ġdida jekk timbiddel l-idea f'dana r-rigward, qabel l-ewwel allokazzjoni, kif appuntu setgħet tbiddlet fil-każ preżenti.

Illi fil-fehma ta' dina l-Qorti l-ordni in kwistjoni kien konċepit f'termini li jabbraċċjaw it-tlett ipotesi msemmija: u dina hija l-vera kwistjoni li trid tiġi deċiża billi bir-raġunijiet kollha li jistgħu jissuġġerixxu forma simili, irid jiġi eżaminat u deċiż jekk il-forma fil-fatt użata tikkomprendiex dawna t-tlett ipotesi. Il-Qorti, *kif presjeduta, taf li hemm* de-

ċitazzjonijiet differenti għal dina l-fehma tagħha u eżitat ħafna qabel ma waslet biex tesprimi dina l-fehma tagħha kuntrarja, raġuni li nduċietha li tagħmel hekk hi kostitwita mill-atteġġjament ta' l-attur stess li juri li hu stess kien qabel ma' dina l-fehma, b'mod li jista' jingħad li hu rrinunzzja għad-difett ta' forma fir-Requisition Order in kwistjoni li llum qed ipoġġi bħala bażi ta' l-azzjoni preżenti. Dana l-atteġġjament hu dak li jirriżulta mill-ittra uffiċjali tiegħu tal-21 ta' Frar, 1959, wara li hu sar jaf għal liema skop il-fond in kwistjoni kien ġie allokat (i.e. għal skop industrijali) meta ġa kien jaf bil-forma tar-Requisition Order li kien ħareġ fir-rigward; infatti hu allura ma ħax l-atteġġjament li ħa issa, u ċioè ma qalx li dik l-allokazzjoni ma setgħetx issir jew kienet nulla (proprju l-meritu tat-tieni domanda odierna) iżda biss talab li la darba l-fond kien qed jiġi wżat għal skop industrijali allura ppretenda kera adegwat għal dan l-użu, li pero l-konvenut ra esaġerat. Dana l-atteġġjament neċessarjament jimplika aċċettazzjoni tal-validita ta' l-allokazzjoni għall-użu ta' skop industrijali u konsegwentement ukoll aċċettazzjoni tal-validita ta' l-ordni li biss minħabba fih setgħet issir l-istess allokazzjoni għall-iskop lilu wkoll debitament mgħarraf.

Illi taħt dawna ċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss li l-attur ma satax iżjed iqajjem il-kwistjoni tan-nullita tar-Requisition Order, bażata din kif inhi fuq difett ta' forma biss, li l-konvenut Podestà nomine, kieku sollevata allura, kien jista' jirregolarizza, il-Qorti tara f'dana l-każ ċerta analoġija mal-każ prospettat mill-Artikoli 792 u 793 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u tosserva li ċ-ċitazzjoni preżenti ġiet preżentata fit-23 ta' Frar, 1960, u ċioè ċirka sena wara li skambju ta' l-ittri uffiċjali li kellhom l-attur u l-konvenut Podestà nomine bażati t-tnejn fuq il-validita tar-Requisition order in kwistjoni;

Illi kwantu għad-diċitura ta' dina l-Order il-Qorti tkompli tosserva, b'riferenza għal dak li qalet u bi spiega talfehma li esprimiet dwarha, li l-argoment prinċipali miġjub kontra l-istess fehma hu fis-sens li l-kliem "sabiex in-nies ikollhom fejn joqgħodu u sabiex ikun hemm taqsim sewwa tad-djar; . . . . " qegħdin jirrestrinġu s-sens tal-kliem "interess pubbliku" immedjatament preċedenti. Il-Qorti tara l-forza ta' dana l-argoment pero bir-rispett kollu tosserva li dan kien ikun imputabili biss kieku l-istess kliem ma kienx ikollhom sens u ma kienx jistgħu joqgħodu mingħajr il-kliem "interess pubbliku" li huma, skond dana l-argoment, qegħdin jimmodifikaw; billi allura bla dubbju ta' xejn ikunu qegħdin jiddependu mill-istess kliem u jieħdu sens minnhom jew ibiddlu s-sens tagħhom. Il-Qorti pero tħoss li l-ordni kien jibqa' jkollu sens kieku l-istess kliem "interess pubbliku" kienu omessi għall-kollox u kien ikun fis-sens biss li ġej: "Billi huwa meħtieġ, **sabiex in-nies ikollhom fejn joqgħodu,** li jittieħed il-pussess tal-bini. . ." L-istess ħaġa jingħad li kieku l-Ordni flok il-kliem *sottolineati* kellu biss il-kliem **"fl-interess pubbliku"** jew il-kliem **"sabiex ikun hemm taqsim tajjeb tad-djar."** Issa dawn huma t-tlett raġunijiet, waħda indipendenti mill-oħra, li skond il-liġi (art. 4 (1) ta' l-Att 11 tal-1949 li pero juża kliem differenti ta' l-istess sostanza — il-kliem fuq użati jirrikorru fir-Requisition Order in kwistjoni) jistgħu jiġġustifikaw il-ħruġ tal-Ordni li hija l-forma preskritta mil-liġi għal fini tar-rekwiżizzjoni, li dan hu hekk jidher mill-fatt li fil-liġi dawn it-tliet raġunijiet jinsabu magħquda flimkien bil-kelma "jew". Intant pero fl-ordni in kwistjoni ż-żewġ raġunijiet li skond l-ipotesi kuntrarja huma msemmija u ċioe "sabiex in-nies ikollhom fejn joqgħodu" u "sabiex ikun hemm tqassim tajjeb tad-djar" jinsabu magħquda flimkien bil-kelma "u" u dan, fil-ħsieb tal-Qorti, juri li probabilment għar-raġunijiet suġġeriti miċ-ċirkostanzi li jir-

riferixxu fuq l-attwazzjoni tal-liġi ġa deskritti, l-awtorita rekwiżizzjonanti riedet u għamlet Ordni fil-fatt bażat fuq it-tlett raġunijiet flimkien jew konġjuntament, (ċioe mhux dis-ġjuntament bl-użu tal-kelma "jew" bejn kull raġuni), u għalhekk bejn l-ewwel ("fl-interess pubbliku") u t-tieni ("sabiex in-nies ikollhom fejn joqgħodu") użat biss virgola, u bejn din u t-tielet ("sabiex ikun hemm tqassim tajjeb tad-djar") użat il-kelma "u". Il-Qorti tħoss li din kienet il-fehma ta' min ifformula l-ordni fuq l-istess liġi, u ssibha diffiċli li tissuġġerixxi formula oħra li tikkorrispondi għal dina l-fehma. Dana r-raġonament japplika ugwalment għall-versjoni ngliża ta' l-ordni; l-unika differenza bejn iż-żewġ versjonijiet tirrigwarda n-neċessita jew l-espedienza li jsir l-ordni billi fil-malti jingħad "Billi huwa meħtieġ. . ." mentri li fl-ingliż hemm "whereas it is expedient. . ." dana ma jbid-dilx is-sens li għandu jingħata lil dik il-parti tagħha li ġiet eżaminata, u ż-żewġ kelmiet jirrikorru fil-liġi (Art. 4 (1) ċitat). Interpretazzjoni differenti ta' dina l-formula twassal għal ċertu konflitt fl-interpretazzjoni tal-liġi billi neċessarja-ment twassal li wieħed jikkunsidra taħt ir-raġuni espressa-ment indikata bħala "fl-interess pubbliku" żewġ raġunijiet li skond il-liġi huma kunsidrati xi ħaġa differenti minn dik ir-raġuni. Kif intqal l-attur stess għall-bidu fehem l-ordni fis-sens kif fehmitu dina l-Qorti u aġixxa fuq l-ordni hekk ukoll interpretat u mifhum, u ma jistax illum jagħtih interpretaz-zjoni differenti, speċjalment li l-forma wżata tista' u anzi għandha, għar-raġunijiet premessi, twassal għas-sens li hu fehem l-ordni u mexa fuqu.

Ikkunsidrat:

Illi l-konsiderazzjonijiet premessi naturalment iwasslu għaċ-ċaħda ta' l-ewwel domanda biss; hu evidenti pero li d-domandi l-oħra taċ-ċitazzjoni huma bażati lkoll fuq dina l-

ewwel domanda, b'mod li ċ-ċanda tagħha twassal neċessarjament għaċ-ċanda tagħhom ukoll;

Rat in-nota tal-appell tal-attur nomine, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata fil-meritu, billi jiġu milqugħa d-domandi kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni, u tiġi riformata fil-kap ta' l-ispejjeż, billi l-ispejjeż kollha tal-ewwel istanza jiġu kollha akkollati lill-konvenuti. Bl-ispejjeż ta' din l-istanza.

Rat ir-risposta tal-konvenuta appellata Michelina Scerri li fiha qalet, li l-appellata sentenza hi ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta tal-konvenut Podestà nomine, li ukoll qal li dik is-sentenza hi ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż.

*Trattat l-appell.*

Ikkunsidrat:

Bin-nota tiegħu tad-29 ta' Marzu, 1963, il-konvenut Podestà nomine ssolleva l-eċċezzjoni tal-illeġittimita tal-persuna tal-attur f'dan il-proċess;

Tixraq, għalhekk, li tiġi affrontata u deċiża, qabel xejn, din il-preġudizzjali.

Biex jiġi ndagat jekk l-eċċezzjoni hijiex jew le fondata għas-sens tal-art. 781 u 782 (c) Kod. Proċ. Ċiv., jeħtieġ li jiġi determinat l-oġġett tal-azzjoni Biċ-ċitazzjoni odjerna l-attur nomine qed jimpunja l-validita ta' "requisition order" bid-domandi konsekwenzjali. Issa, il-ħruġ ta' order simili

jimporta d-dispossessament ta' sid il-fond (Collez. Vol XXXII IV 214 u 952).

Isegwi minn hekk li l-azzjoni tverti fuq **il-possess** tal-fond, għax, mantenut ir-requisition order, dak il-possess jibqa' għand il-konvenut nomine, mentri, annullat ir-requisition order, dak il-possess jirritorna f'idejn is-sid.

Issa, b'liġi (art. 876 Kod. Ċiv.) il-possess, mal-mewt tad-**decuius**, jgħaddi fl-eredi, u għalhekk, **prima facie**, az-zjoni li tolqot il-possess ta' fond ereditarju, bħal ma hija din, tmess lilhom, bħala dawk li għandhom l-eserċizzju jew amministrazzjoni libera tad-drittijiet relativi għal dak il-possess (art. 782 (c) Kod. Proċ.) **Seqwitur** illi, biex l-attur jilleġittima attivament l-azzjoni, jeħtieġ li hu jipprova li l-poteri tiegħu, bħala esekutur testamentarju tal-mejjet Giuseppe Azzopardi, huma tali li jiżvestu lil eredi min dak il-possess, li huma għandhom in forza tal-liġi;

Fit-testment tiegħu in atti Nutar Francesco Gauci tal-31 ta' Diċembru, 1950; esibit bin-nota tal-15 ta' Marzu, 1963, it-testatur Giuseppe Azzopardi qal hekk fil-klawsola nru. VI:—

> "Bħala esekutur tad-disposizzjonijiet tal-aħħar volonta fuq ordnati t-testatur jinnomina lil Perillustri Avukat Dottor Francesco Masini . . . u lil dan huwa jikkonferixxi l-fakoltajiet kollha neċessarji u opportuni u li soltu jingħataw lil simili esekuturi, u b'mod speċjali l-fakolta li jkun jistgħa liberament jiġbor u jirtira mingħand kwalunkwe persuna, bank jew post ieħor, kwalunkwe flus jew oġġetti oħra li bi kwalunkwe titolu jkunu jappartienu lit-testatur."

Għal finijiet tal-kwistjoni preżenti, tistgħa tiġi ommessa

għal kollox *il-konsiderazzjoni tal-aħħar parti tal-klawsola* fejn tissemma l-fakolta speċjali. Fin-nota tar-riljevi tiegħu tal-5 ta' April, 1963, l-attur jgħid, bħala argument tal-leġittimazzjoni attiva, li in forza ta' dik il-fakolta, hu għandu d-dritt li jiġbor mingħand il-Gvern il-kera tal-fond rekwiżizzjonat. Apparti l-pont li dik il-fakolta tirriferixxi għal dak li kien dovut lit-testatur fil-mument tad-devoluzzjoni tal-wirt, u mhux dak li sar dovut wara lill-eredi, — hu ċert li l-azzjoni odjerna ma *hijiex fuq ġbir ta' kera, imma timporta* l-kontestazzjoni tal-posses akkwistat bir-rekwiżizzjoni. Għalhekk, l-attenzzjoni tal-ġudikant tista' tiġi ristretta għal ewwel parti tal-klawsola fuq riportat;

Ikkunsidrat

Dik il-parti hi, bla dubbju ta' xejn, dikjaratament limitativa. Bil-kliem:—

> "Bħala esekutur tad-disposizzjonijiet tal-aħħar volonta fuq ordnati t-testatur jinnomina etc. etc."

iċ-ċerkja tal-attivita esekutorjali ġiet ristretta għal esekuzzjoni tad-disposizzjoni testamentarji, ċioe fil-każ in inspecje, tal-esekwiji reliġjużi, taċ-ċelebrazzjoni ta' quddisiet, tal-adempiment tal-prelegati etc. Xejn fl-adempiment ta' dawk *id-disposizzjonijiet ma jissokkorri lil attur nomine fis-sens li* jatih il-poter li jeżerċita azzjoni bħal dik odjerna.

Iżda, l-attur nomine fin-nota tiegħu, insista fuq il-portat, li għandha tingħata, favur l-assunt tal-attur, lil kliem l-oħra tal-klawsola sesta ċioe:—

> ". . .u lil dan huwa jikkonferixxi l-fakoltajiet kollha neċessarji u opportuni u li soltu jingħataw lil simili esekuturi."

Ikkunsidrat:—

Il-ġurisprudenza ġa okkupat ruħha min kwistjoni simili. Fil-kawża Dr. Camenzuli vs. Psaila deċiża mill-Prim'Awla, *Qorti Ċivili, fil-4 ta' Jannar, 1882 — Collez. Vol IX, pag. 619*, si trattava ta' esekutur testamentarju, li kien ġie mogħti mit-testatur "tutte le facolta solite concedersi dalla legge a simile esecutori". Dik il-Qorti kienet irrilevat li malament l-esekutur kien jippretendi li kellu l-possess tal-bini ereditarji b'dispossessament tal-eredi, u li kellu xi dritt li jamministrahom esklusivament sa d-diviżjoni, u qalet li d-dritt tal-amministrazzjoni kien imiss lil eredi in virtu tat-trasmissjoni favur tagħhom tal-beni ereditarji (p. 620). Kompliet tgħid li l-inkariku tal-esekutur kellu jiġi limitat "all'esecuzioni di quegli atti nominatamente espressi nel testamento . . ." u dan anki fuq *l-awtorita tal-Pothier.*

Fis-sentenza fuq imsemmijin kienu ġew ċitati b'approvazzjoni, u per **modum regulae**, fis-sentenza (sa issa inedita) ta' din il-Qorti kif issa kostitwita, mogħtija fil-21 ta' Marzu, 1958 fil-kawża Philip Sammut vs. Ersilia Zahra.

Għalhekk, dawk il-kliem ma jbiddlux l-aspett ġuridiku tal-esekutorja tal-attur, kif limitat għal esekuzzjoni tad-disposizzjonijiet testamentarji;

Ikkunsidrat:—

Id-difensur tal-appellant nomine semma ukoll, fil-kors tat-trattazzjoni, li l-Gvern kien intrattjena ruħu mal-attur Dottor Masini fuq din ir-rekwiżizzjoni. Għandu jiġi osservat li, fl-istess ċitazzjoni, l-attur stess jgħid li l-fond kien ġie rekwiżizzjonat **mill-poter tal-konvenuta Scerri.** Fir-"requisition order", in-notifikanda hi ndikata bħala "Miss Michelina Scerri" — L-ittra tal-Gvern rekwiżizzjonanti, mibgħuta lil

Dottor Masini li fiha dan ġie nfurmat li ċ-ċwievet tal-fond kienu ġew mogħtija lil konvenuta Scerri, ma tissussidjax itteżi tal-attur, għaliex, — apparti li dik l-ittra kienet ta' karattru informativ, — kif ġie sewwa osservat fis-sentenza ċitata tal-Vol. XII p. 516, in-natura u l-estenżjoni tal-inkariku talesekutur għandhom jiġu deżunti mit-termini tat-testment, u mhux min dak li tagħmel terza persuna;

Għalhekk l-azzjoni preżenti kienet toltrepassa l-poteri tal-attur nomine;

Ikkunsidrat:—

**Kwantu għall-ispejjeż**, peress li, fil-prim'istanza, dawn, għalkemm għal motivi oħra, ġew diġa moderati billi ġew maqtugħa mingħajr taxxa, ħlief id-dritt tar-reġistru għakkariku tal-attur, u peress li, f'din l-istanza, id-deċiżżjoni sejra tkun bażata fuq *l-eċċezzjoni ta' illeġittimita* tal-persuna tal-attur, li *qed tiġi akkolta* kontra l-attur nomine, għal daqstant, avolja din *l-eċċezzjoni ġiet sollevata fit-tieni istanza, wara li kienet ġa sollevata eċċezzjoni fil-meritu, ma hux il-każ li jsir xi* temperament ieħor.

Għalhekk, tippovvedi fuq l-appell billi tiddikjara li l-attur Dottor Masini ma kienx persuna leġittima biex jipproponi din il-kawża, b'akkoljiment tal-eċċezzjoni relativa sollevat mill-konvenut Podestà nomine, u għalhekk tillibera lil konvenut **ab observantia** u tirrevoka l-appellata sentenza ħlief kwantu għal kap tal-ispejjeż tal-ewwel istanza li għandu jibqa kif ġa deċiż mill-ewwel Onorabbli Qorti. L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu, però, mill-attur nomine.